MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2008

Numru 395/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**versus**

**Orazio Antonio Puglisi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Orazio Antonio Puglisi ta' 32 sena iben Geatano u Adolorate nee' Martucci, mwieled Catania fi Sqallija nhar il-15 ta' Settembru 1975 u residenti 18 Flat No 1, Sqaq Sajjan, Sliema, detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru 33784(M).

Akkużat talli b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi, u liema atti ġew magħmulin b'risoluzzjoni waħda

1. Talli nhar it-2 ta' Mejju 2008 u fil-ġranet u x-xhur ta' qabel, ġab ruħu b'tali mod li kkaġuna lil ħaddiehor biża li ser tintuża vjolenza, meta kien jaf jew missu kien jaf li b'tali imġieba tiegħu ser jikkaħuna lil ħaddieħor biża';
2. Talli nhar it-2 ta' Mejju 2008 u fil-ġranet u x-xhur ta' qabel, ta fastidju lil persuna oħra b'mod li kien jaf jew missu kien jaf li b'tali mgġba kien ser jikkaġuna fastidju fuq ħaddieħor;
3. Akkużat ukoll talli b'diversi drabi nhar it-2 ta' Mejju 2008 u fil-ġranet u fix-xhur ta' qabel, bi ħsara tas-sid jew tad-detentur għamel vjolazzjoni kontra il-propjeta' ta' ħaddieħor;
4. U aktar talli f'dawn l-aħħar xhur, f'ħinijiet differenti tal-ġurnata, b'diversi atti magħmulin minnu fil-waqt li kien fi Triq l-Irmiġġ Marsascala, waddab ġebel jew oġġetti oħra għat-twieqi tar-residenza ta' Daniela Cassar, liema residenza tinsab fl-istess triq.
5. Akkużat ukoll talli f'dawn l-aħħar xhur b'diversi atti magħmulin u b'diversi mezzi differenti, hedded lil Daniela Cassar minn Marsascala u persuni oħra;
6. Akkużat ukoll talli nhar is-26 ta' April 2008 għall-ħabta ta' 18.30hrs, waqt li kien fi Triq il-Qaliet Marsascala, kkawża ħsara volontarja fuq vettura ta' l-għamla Landrover li għandha in-numru tar-reġistrazzjoni FAG 532, liema ħsara tammonta għal 547.40 Euro, għad-dannu ta' Joseph Muscat minn Bormla u persuni oħra.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, titratta ma' l-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif kkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet wkoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta ghas-sigurta dwar dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Il-Qorti kienet wkoll mitluba toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-artikolu 412 (c) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f'każ ta' ħtija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali biex dawn il-proċeduri jkunu sommarji; il-kunsens ta' l-imputat sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji (fol 19); l-ammissjoni ta' l-imputat għal dawn l-imputazzjonijiet, liema ammissjoni huwa kkonferma wara li ngħata ħin xieraq biex jaħsibha.

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ġaladarba l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrieh, dawn ġew ppruvati skond il-liġi.

Il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17(h), 18, 251A, 251B, 340 (d), 339(1)(c), 339(1)(e), 325(1)(b) ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrieh b'dan pero' li l-imputazzjonijiet numru 4 u 5 huma assorbiti fl-imputazzjonijiet 1 u 2.

Dwar il-piena, il-Qorti kkonsidrat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet mill-ewwel kif wkoll li għandu fedina penali nadifa.

Għaldaqstant il-Qorti flok tikkundanna lill-imputat qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmel ebda reat ieħor fi żmien 28 (tmienja u għoxrin) xahar millum.

Il-Qorti fehmet lill-imputat l-Artikolu 22 tal-Kap 446 fi kliem sempliċi.

L-Ordni ta' Protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412C tal-Kap 9 għandha tibqa' fis-seħħ.

Jekk l-imputat għandu xi pendenzi dwar ħsarat li huwa wettaq, huwa jrid iħallashom **minnufih.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------